MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru 289/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Brenda Mallia**

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Brenda Mallia ta' 39 sena, bint Louis Mallia u Mary-Rose Spiteri, imwielda Pieta' nhar id-09 ta' Marzu 1970 u residenti 'Hali Gardens' Flat no.1, Triq it-Turisti, Bugibba, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita' numru 227670(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

B’ diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, u cioe:-

1. Gewwa l-Hamrun nhar it-18 ta’ Dicembru 2008 f’ xi hin bejn 12:40pm u 1:08pm ikkommettiet serq ta’ 1700 euro billi ghamlet uzu illectu minn credit cards, liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz u bil-valur li jeccedi 232.94 euro u dan sar ghad-detriment ta’ Joseph Mary Galea, Dorothy Galea, Paola Zammit, Rita Pace u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlet uzu ta’ kodici ta’ dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elektroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’ kompjuter, dan sar ghad-detriment tal-persuni imsemmija hawn fuq u/jew persuni ohra;

3. Gewwa l-Hamrun nhar it-18 ta’ Dicembru 2008 f’ xi hin bejn 12:00pm u t-3:00pm, ikkommettiet serq ta’ portmoni b’ kontentut ta’ flus kontanti, credit cards u dokumenti ohra minn gewwa l-hanut bl-isem ‘Central Store’ li jinsab il-Hamrun, liema serq jeccedi 11.65 euro, u dan sar ghad-dannu ta’ Dorothy Galea u/jew persuni ohra;

4. Gewwa l-Hamrun nhar it-8 ta’ Jannar 2009 f’ xi hin qabel is-6:00pm, ikkommettiet serq ta’ kartiera b’ kontenut ta’ 70 euro, credit cards u dokumenti personali ohra u minn gewwa l-hanut bl-isem ‘Emma’s’ li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun, u dan sar ghad-detriment ta’ Maria Attard u/jew persuni ohra;

5. Gewwa l-Hamrun nhar it-8 ta’ Jannar 2009 ghall habta tas-6:00pm ikkommettiet serq ta’ 250 euro billi ghamlet uzu illectu minn credit card, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro, bil-mezz u bil-hin u dan sar ghad-detriment ta’ Maria Attard u/jew persuni ohra;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlet uzu ta’ kodici ta’ dhul, password, isem l-utent, indirizz postali

elektroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f' kompjuter, dan sar ghad-detriment tal-persuni imsemmija Maria Attard u/jew persuni ohra;

7. Gewwa l-Hamrun nhar it-12 ta' Jannar 2009, f' xi hin qabel is-5:45pm, ikkommettiet serq ta' handbag b' kontenut ta' 8 euro, mobile phone ta' l-ghamla Siemens, credit cards u dokumenti personali ohra minn gewwa l-hanut bl-isem 'Marchise Shoe Store' li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun, u dan sar ghad-detriment ta' Annette Mallia u/jew persuni ohra;

8. Gewwa l-Hamrun nhar it-12 ta' Jannar 2009, ghall-habta tas-5:45pm, bil-hsieb li taghmel delitt u cioe' serq ta' flus mill-ATM tal-B.O.V, uriet dan il-hsieb b' atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha, liema delitt ta' serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Annette Mallia u/jew persuni ohra;

9. Gewwa l-Belt Valletta nhar l-14 ta' Jannar 2009 ghall-habta ta' 6.00pm, ikkommettiet serq ta' handbag b' kontenut ta' flus u dokumenti personali minn gewwa l-hanut 'Josmer Ritz' gewwa City Gate Shopping Arcade Triq ir-Repubblika Valletta, liema serq jeccedi 11.65 euro u huwa kkwalifikat bil-hin, u dan sar ghad-dannu ta' Brigid Pisani u/jew persuni ohra;

10. Gewwa l-Belt Valletta nhar id-19 ta' Jannar 2009 ghall-habta ta' 12:00pm, ikkommettiet serq ta' hand-bag b' kontenut ta' flus u dokumenti personali minn gewwa l-hanut 'C&D' gewwa City Gate Shopping Arcade Triq ir-Repubbblika Valletta, liema serq jeccedi 11.65 euro, u dan sar ghad-dannu ta' Chantelle Borg u/jew persuni ohra;

11. Gewwa B'Kara nhar it-2 ta' Frar 2009 f' xi hin bejn il-5:30pm u s-7:15pm, ikkommettiet serq ta' handbag b' kontenut ta' flus, credit cards u dokumenti personali minn gewwa l-hanut 'Spice' li jinsab fi Triq il-Wied B'Kara, liema

serq jeccedi 11.65 euro, u dan sar ghad-dannu ta’ Dorian Degiorgio u/jew persuni ohra;

12. Gewwa B’Kara nhar it-2 ta’ Frar 2009, ghall-habta tas-6:15pm, bil-hsieb li taghmel delitt u cioe’ serq ta’ flus mill-ATM tal-H.S.B.C, uriet dan il-hsieb b’ atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha liema delitta ta’ serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Dorian Degiorgio u/jew persuni ohra;

13. Gewwa tal-Pieta’ nhar it-2 ta’ Frar 2009, f’ xi hin wara s-6:00pm, bil-hsieb li taghmel delitt u cioe’ serq ta’ flus mill-ATM tal-B.O.V, uriet dan il-hsieb b’ atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha, liema delitt ta’ serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detirment ta’ Dorian Degiorgio u/jew persuni ohra;

14. Gewwa l-Hamrun nhar it-2 ta’ Frar 2009 f’ xi hin bejn il-5:30pm u 6:45pm, ikkommettit serq ta’ handbag b’ kontenut ta’ flus, mobile phone ta’ l-ghamla Samsung E380 u dokumenti personali minn gewwa l-hanut ‘First Years Baby Shop’ li jinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun, u dan sar ghad-dannu ta’ Alison Pace u/jew persuni ohra;

15. Gewwa r-Rabat(Malta) nhat it-3 ta’ Frar 2009 ghall-habta ta’ 12:30pm ikkommettiet serq ta’ handbag b’ kontenut ta’ flus u dokumenti personali minn gewwa l-hanut ‘Fiorita Shop’ li jinsab fi Triq il-Kbira Rabat (Malta), liema serq jeccedi 11.65 euro, u dan sar ghad-dannu ta’ Mary Grace Degiorgio u/jew persuni ohra;

16. Gewwa r-Rabat (Malta) nhar it-3 ta’ Frar 2009 ghall-habta ta’ 12.38pm, ghamlet uzu ta’ kodici ta’ dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’ kompjuter, dan sar ghad-detriment ta’ Mary Grace Degiorgio u/jew persuni ohra;l

17. Gewwa l-Hamrun nhar it-18 ta' Frar 2009 ghall-habta tas-7:00pm, ikkommettiet serq ta' handbag b' kontenut ta' flus u dokumenti personali minn gewwa l-hanut 'Nero's' li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi 232.94 euro u dan sar ghad-dannu ta' Rita Busuttil u/jew persuni ohra;

18. Gewwa l-Hamrun nhar it-18 ta' Frar 2009 ghall-habta tas-7:15pm, bil-hsieb li taghmel delitt u cioe' serq ta' flus mill-ATM tal-H.S.B.C.,uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha, liema delitt ta' serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Rita Busuttil u/jew persuni ohra;

19. Gewwa r-Rabat (Malta) nahr is-6 ta' Marzu 2009 ghall-habta ta' 10:00am, ikkommettiet serq ta' kartiera b' kontenut ta' flus, credit cards u dokumenti personali minn gewwa l-hanut 'Fiorita Shop' li jinsab fi Triq il-Kbira Rabat (Malta), liema serq jeccedi 11.65 euro, u dan sar ghad-dannu ta' Sarah Debono u/jew persuni ohra;

20. Fl-ahharnett talli kisret il-provvediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienet giet misjuba hatja, b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona datata 21 ta' Dicembru, 2006 u liberata bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Marzu, 2009 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-25 ta’ Marzu, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputata kif ukoll il-fatt li hija kkoperat mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-fatt li mill-fedina penali tal-imputata jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li hija kisret dufrejgha mal-gustizzja u nonostante lli hija inghatat l-opportunita’ li tirriforma ruhha hija m’gharfitx tuzufruwixxi minn din l-opportunita’. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputata ghandha problema serja mill-abbuz tad-droga. Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva ghalkemm din ser tkun aktar lejn il-minimum applikabbli u dan in vista tal-ammissjoni bikrija. Il-Qorti sejra wkoll tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputata tinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex teghleb il-problema tal-abbuz mid-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 337C(1)(i), 337F(1), 284, 285, 270, 41, 279, 280, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 23(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija izda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputata tinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex teghleb il-problema mill-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------